Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 254/2011

**A B**

**vs**

**C B u l-Avukat Dr Mark Busuttil u il-Prokuratur Legali Quentin Tanti b'digriet tal-20 ta' Settembru 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Y B u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2012 gew estromessi il-kuraturi deputati Dr Mark Busuttil u il-Prokuraturi Legali Quentin Tanti u giet nominati AnC B bhala kuratrici deputata biex tirrapprezenta lill-minuri Y B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta :

i. Illi kif jidher skond l-att tat-twelid li jgib in-numru ta’ l-iskrizzjoni 826 ta’ l-2011 (Dokument A), mart l-esponent welldet tarbija li nghatat l-isem Y fil-15 ta’ Frar, 2011;

ii. Illi t-tifla hawn fuq imsemmija m’hijiex il-wild ta’ l-esponent, izda twieldet minn relazzjoni li l-istess martu kienet bdiet ma terza persuna;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li it-tifla Y mwielda, kif fuq jinghad, fil-15 ta’ Frar, 2011, m’hijiex il-wild ta’ l-esponent A B; u
2. Tordna konsegwentement illi fl-att tat-twelid ta’ l-istess tifla Y jsiru l-korrezzjonijiet opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Mark Busuttil u il-PL Quentin Tanti, li *n forza* taghha huma eccepew:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Mark Busuttil u il-PL Quentin Tanti;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta’ denegata paternita’ r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi madankollu attiz in-natura partikolari ta’ din l-azzjoni odjerna l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Y B, li din l-Onorabbli Qorti tuza s-setgha taghha moghtija lilha bl-Artikolu 70 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi tistieden lill-partijiet involuti f’dawn il-proceduri sabiex joqghodu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x’taqsam mal-kaz;
4. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ”the said” li jinsabu qabel l-isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta’ registrazzjoni 826 tas-sena 2011;
5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta’ l-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur talab illi it-tarbija li twieldet lill-konvenuta C B u li inghatat l-isem ghaliha tigi dikjarata bhala mhijiex il-wild naturali tieghu. Il-Qorti giet mitluba konsegwentement illi fl-att tat-twelid ta’ l-istess tifla Y isiru il-korrezzjonijiet opportuni.

Illi l-Qorti rat illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku bazikament insista illi jitressaq l-provi kollha sabiex il-Qorti tkun sodisfatta ta lanqas mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 u irrakkomdanda li l-Qorti tistieden lill-partijiet involuti biex joqghodu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika illi jkollha x’taqsam mal-kaz odjern.

Illi l-Qorti rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA ikkonfermat bil-gurament minn Dr Marisa Cassar illi ipprezentat ukoll affidavit bix-xhieda taghha u rat illi gie konkluz f’dan ir-rapport illi l-missier biologiku ta’ Y B huwa X Z.

Illi l-Qorti rat l-affidavit bix-xhieda tal-konvenuta C B li qalet illi fit-8 ta’ Marzu 2007 l-attur telaq mid-dar ta’ ommha fejn kienu qeghdin jirrisjedu flimkien bhala mizzewgin  u minn dik id-data qatt ma regghu ghixu flimkien u ghalhekk it-tarbija illi twielditilha imsemmija fir-rikors guramentat tal-attur mhijiex il-wild naturali tal-attur.

Ikkunsidrat :

Illi t-talba fir-rikors guramentat hija fis-sens illi l-minuri tigi dikjarata bhala li mhijiex il-wild tal-attur A B.

Illi l-Qorti rat ukoll illi minkejja il-fatt illi irrizulta mit-test xjentifiku tad-DNA illi l-minuri hija il-wild naturali ta’ X Z, l-imsemmi X Z bl-ebda mod ma huwa parti f’din il-kawza u lanqas ma hemm xi talba fir-rikors guramentat sabiex l-imsemmi X Z jigi dikjarat bhala il-missier naturali tal-minorenni u ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda xelta hlief illi tiddikjara illi l-minuri in kwistjoni hija wild missier mhux maghruf.

Illi l-Qorti tirrileva illi l-konvenuta C B ma ipprezentatx risposta guramentata u ghalhekk hija kontumaci f’din il-

kawza kemm f'isimha proprju u ukoll bhala kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta lill-minuri Y B.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi illi t-tifla Y imwielda fil-15 ta' Frar, 2011, m'hijiex il-wild ta' l-esponent A B u tordna konsegwentement illi fl-att tat-twelid ta' l-istess tifla Y jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fis-sens illi tigi dikjarata bhala wild missier mhux maghruf.  Il-Qorti tordna ukoll illi il-kliem "the said" li jinsabu qabel l-isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid tal-minuri bin-numru ta' registrazzjoni 826 tas-sena 2011. Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn l-attur u il-konvenuta AnC B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------